MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 763/2005

Kawza fil-lista: 26

**Saviour Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, debitament awtorizzat**
**Vs**
**Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 840/94FD) giet deciza min din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 1997, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm526.96 (hames mija, u sitta u ghoxrin lira, u sitta u disghin centezmu), bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mal-imsemmija somma jridu jizdiedu l-ammont ta’ Lm344.28 (tlett mija erbgha u erbghin lira u tmienja u ghoxrin centezmu) imghax legali kalkolat bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sas-7 ta’ Lulju 2005, oltre Lm115.99 (mija u hmistax-il lira u disa’ u disghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dok. ‘A’. Ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm987.23 (disa’ mija sebgha u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu). Minn dawn ma thallas xejn u ghalhekk baqa’ bilanc ta’ Lm987.23 (disa’ mija sebgha u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal- pagament effettiv.

Illi s-socjeta’ rikorrenti llum issucediet lill-Korporazzjoni Telemalta.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------